MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 201/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Evangelista Callus**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, kontra Evangelista Callus nee` Bugeja ID 673044M bint Lorenzo u Rita nee` Sciberras imwielda 03.08.1944 u residenti z-Zurrieq, talli fil-11 ta' Novembru 2006, fis-suq ta' Hal-Qormi, naqset jew hi jew impjegati taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi f'isimha, li taghti jew tipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista skond il-kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partita 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur

Mizjud, u l-Artikoli 51 u 77(a)(e) u 82(2) tal-Att Nru. XXIII ta' l-1998;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Gunju 2008 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputata Evangelista Callus hatja skond l-imputazzjoni dedotta kontra taghha u kkundannatha multa ta' tmien mitt Euro (€800);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Evangelista Callus, minnha prezentat fit-30 ta' Gunju 2008, li permezz tieghu talbet ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza u l-konsegwenti liberazzjoni taghha minn kull imputazzjoni, htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appell huwa primarjament ibbazat fuq apprezzament tal-provi, fis-sens li l-appellanti qed tikkontendi li l-ewwel qorti ma setghetx, fuq il-provi li kellha – u li fil-verita` huma ftit – ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li effettivament waslet ghaliha, u cioe` li hija kienet naqset milli tohrog ricevuta fiskali meta bieghet xi hut lil wahda mara fis-suq ta' Hal-Qormi. Subordinatament, hija tilmenta dwar il-piena erogata.

Skond l-appellanti dak li gara kien li wahda mara xtrat il-hut f'ammont partikolari izda din ma kellhiex flus bizzejjed biex thallas ghall-prezz kollu. Allura din il-mara hallset parti mill-prezz (skond l-appellanti Lm8.50), l-appellanti hargitilha ricevuta <u>ghall-prezz kollu</u> izda zammet il-hut, bl-ircevuta b'kollox fil-basket, sakemm din il-mara giet lura u tatha l-kumplament, cioe` Lm3.50. Hija tikkontendi li meta din il-mara giet lura u hallsitha l-bqija ta' Lm3.50, l-ispetturi tal-V.A.T. marru fuqha u talbuha tohrogilhom ircevuta ohra. L-appellanti tilmenta li l-prosekuzzjoni ma tellghetx lill-mara li effettivament xtrat. Dan hu minnu, izda dan ma jfissirx li l-imputazzjoni ma tistax tigi ppruvata sal-grad li trid il-ligi permezz ta' provi ohra, anke jekk tali provi jkunu jikkonsistu fid-deposizzjoni biss tal-ispetturi tal-V.A.T. jew, bhal f'dan il-kaz, bid-deposizzjoni ta' spettur wiehed. Issa, fil-kaz in dizamina, apparti xi ftit ta' konfuzjoni dwar l-

ammont globali tal-bejgh – l-appellanti fir-rikors taghha ssemmi l-ammont ta' Lm12.00, mentri l-ircevuta ezibita tindika l-ammont ta' Lm18.50, u fuq wara taghha hemm imnizzel *"prepaid Lm8 – on site Lm3.50"* – jibqa' l-fatt li meta l-ispettur tal-V.A.T. gibed l-attenzjoni li kien ra hlas ta' Lm3.50 bla ma kien ra ricevuta tinhareg, l-appellanti qabdet u harget ricevuta ta' Lm18.50. Din kienet ricevuta manwali, b'mod allura li jekk verament l-appellanti kienet precedentement harget ricevuta ghall-bejgh in kwistjoni – kien x'kien ghal mument l-ammont – kif hija tghid, anke bil-gurament taghha quddiem din il-Qorti, li hija ghamlet, l-aktar haga semplici kienet li hija turi lill-imsemmi spettur il-kopja tal-ircevuta li hija obbligata li zzomm. Id-deposizzjoni tal-appellanti hija wahda evaziva, u l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li effettivament waslet ghaliha u cioe` *"…li l-ircevuta relattiva ghall-bejgh in kwistjoni nharget biss fuq talba tal-ispetturi tad-Dipartiment tal-VAT u dan wara li l-klienta kienet hadet l-oggetti mixtrija u ssaldat il-kont u telqet definittivament minn fejn kienet qed tbiegh l-imputata"*.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti tosserva li l-appellanti ghandha fedina penali kompletament nadifa, u ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti hija propensa li tirriduci l-multa ghall-minimu applikabbli skond il-ligi.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell biss in parte u tirriforma s-sentenza appellata billi, thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn l-appellanti giet ikkundannata thallas multa ta' Euro 800 u minflok tikkundannaha multa ta' Euro 695, konvertibbli f'disgha w hamsin (59) gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------